# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 279/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Cutajar)

vs

**Emanuel Calleja**

iben Paul , imwieled Gzira, fis-16 ta' Dicembru, 1952, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 884152(M)

Illum, 28 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emanuel Calleja quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-1 ta' Dicernbru 2012 ghall-habta tal-23.25 p.m, fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar:

1. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBC 073 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

2. Saq ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBC 073 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt;

3. Saq l-imsemmija vettura bla kont;

4. Saq l-imsemmija vettura minghajr rna kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita ghat-transport f'Malta;

5. F'dawn il-gzejjer naqas iggedded il-licenzja tas-sewqan meta kellu l-perjodu ta' validita' tal-imsemmija licenzja skaduta.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn sitt xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta’ Gunju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 15A, 15B, 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 44 ta' l-LS 65.18 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, illiberat lill-imputat mit-tielet (3), r-raba’ (4) u hames (5) akkuzi, sabitu hati ta’ l-ewwel (1) u tat-tieni (2) akkuza u ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ elf u mitejn ewro (€1,200) u skwalifikatu milli jkollu licenzja ghall-zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant Emanuel Calleja pprezentat fl-14 ta’ Gunju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi tirriforrna s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-erbgha (4) ta' Gunju, 2013, fis-sens illi filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn l-esponenti gie liberat mit-tlielet (3), ir-raba' (4) u il-hames (5) imputazzjoni, tirrevoka dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena kontra tieghu.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi mill-affidavits ezebiti ma jirrizulta bl-ebda mod kif saret l-identifikazzjoni tal-imputat, izda minflok dan jittiehed bhala fatt kompjut illi l-persuna li kienet qed issuq il-vettura targata DBC 073 involuta fl-incident tat-traffiku kienet l-esponenti.

2. Illi minn imkien ma jirrizulta mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u b'mod partikolari mill-affidavits ezebiti kif il-Pulizija Ezekuttiva waslet ghal konkluzjoni illi l-persuna li kienet hdejn il-vettura targata DBC 073 kien fil-fatt l-esponenti, jekk dan tax il-particulars hu nnifsu jew jekk il-pulizija vverifikawx il-konnotati u il-particulars tieghu minn xi dokument ufficjali jew jekk il-pulizija kienux jafuh minn qabel. Tant hu hekk li s-surgent fl-affidavit tieghu jaghmel riferenza ghal esponenti bhala **C. Galea.**

Illi in oltre ma ngabet ebda prova u ma ttellghu ebda xhieda pajzana li raw lil-esponenti jsuq il-vettura targata DBC 073, jew jipprova jsuq jew ikollu l-kontroll tal-istess vettura, li kienet involuta fl-incident. Fil-fatt l-esponenti nstab hdejn il-vettura - lanqas ma seta' jigi konkluz hekk minn xi ammissjoni da parti tieghu, ghax skont kliem l-istess Surgent, kliem Emanuel Calleja ma kienx car apparti li beda jghid hafna hmerijiet.

Illi fil-fatt lanqas ma ngib xhud okkulari sabiex jixhed li fil-fatt kien effettivament l-akkuzat Emanuel Calleja li kien qieghed isuq, ipprova isuq jew kellu il-kontroll tal-vettura in kwistjoni. Fil-fatt ma ngiebet l-ebda prova ukoll li fil-fatt kienet qeghda tinstaq minn xi hadd. Dan kollu jista' jirrizulta minn xi assunzjoni spekulazzjoni - li huma kollha aljeni ghall-kamp kriminali.

Illi l-anqas ma ngiebet prova tal-propjetarju tal-vettura targata DBC 073 - illi setghet b'mod indirett jew b' mod cirkostanzjali twassal lill-ewwel Qorti sabiex tasal ghall-konvinzjoni u konvinciment morali, ben stabilit u accettat, fil-kamp penali, li twassal ghall-htija ta' l-akkuzat. Vettura li sal-lum qatt ma ngiebet il-prova ghal min tappartjeni.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-anqas ma gie stabilit minn xi hadd il-hin meta l-akkuzat saq il-vettura jew ipprova jsuq il-vettura jew kellu il-kontroll tal-vettura in kwistjoni - fil-fatt il-hin indikat huwa preciz, skont l-affidavits, il-hin ta' meta sar r-rapport u

cioe'kienu 23.25 hrs - minn xi hadd li ghadu sal-lum anonimu. Jista' jkun li din instaqet hin konsiderevoli qabel dan il-hin. Jibqa' il-fatt li l-habta jew l-abbandun tal-vettura in kwistjoni saret hafna qabel.

Illi mill-affidavit tas-Surgent 914 u dik tal-WPC 274, hemm kontradizzjoni cara u netta dwar il-fatt li l-istess PS 914 jekk kellux suspett ragonevoli li l-akkuzat kien qieghed isuq taht l-effett ta'  l-alkahol u li nfurmah li kien sejjer jiehdu l-Ghassa tal-Qawra biex isirlu t-test tan-nifs. Fill-fatt l-istess PS 914 qal li kellu suspett ragonevoli li C. Galea kien f'dak l-istat. Ghalhekk dak provdut mil-ligi ma giex ossevat u dan fis-sens li l-procedura stabilita ma gietx osservata.

Illi in mankanza ta' dawn il-provi essenzjali li jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova dawn il-fatti u minhabba d-dubbji u kontradizzjonijiet mahluqa mill-istess provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, l-Ewwel Onorabli Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment issib htija fl-imputat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss l-ewwel zewg akkuzi migjuba kontra l-appellant.

Illi dan hu kaz sommarju u l-unici provi li saru huma l-affidavits ta' zewg pulizija u xejn izjed, la min-naha tal-prosekuzzjoni u la min-naha tad-difiza.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-1 ta' Dicembru, 2012 gghal habta tal-11.25 p.m. il-pulizija stazzjonati l-ghassa tal-Qawra gew infurmati permezz ta' telefonata li kien sehh tat-traffiku fi

Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar. PS914 Ivan Mifsud u WPC274 Francesca Quattromani marru fuq il-post biex jaraw x'gara. Huma sabu vettura tal-Ghamla FIAT, ta' kulur ahmar, bin-numru tar-registrazzjoni DBC 073. Ebda vettura ohra ma kienet involuta f'dan l-incident. Jirrizulta li din il-vettura garrbet hsarat serji billi hanbtet mal-bankina u konsegwenza ta' dan ir-rota ta' quddiem tax-xelluq tghawwget tant li l-vettura ma setghetx tinsaq. Il-hsara kienet tant serja li l-vettura tnehhiet minn fuq il-post permezz ta' 'towing truck', kif jirrizulta mill-okkorrenza tal-kaz.

Illi s-surgent kellem lir-ragel li gie ndikat bhala s-sewwieq tal-karozza, li kien l-appellant. Ma hemm ebda prova li tindika li l-appellant ma kienx is-sewwieq ta' dik il-vettura. Fil-fehma tas-surgent l-appellant kellhu riha ta' xorb u ghalhekk hadu l-ghassa fejn sar it-test. Mit-test rrizulta li l-appellant kien ecceda l-limitu preskritt. Tant hu hekk li l-pulizija hasshom fid-dmir li jwassluh id-dar.

Illi wiehed mill-aggravji tal-appellant hu li ma hemmx prova li hu kien qed isuq din il-vettura. L-appellant instab hdejn il-vettura u ghalhekk ma hemmx il-prova li hu kien qed isuq billi meta waslu l-pulizija fuq il-post ma sabux lill-appellant gol-karozza. Dan hu veru izda fl-affidavits taz-zewg pulizija jirrizulta li hu ndikat bhala s-sewwieq tal-vettura u ma hemm ebda prova li tghid mod iehor.

Illi aggravju iehor hu fl-affidavit tas-surgent hemm l-isem C. Galea. L-appellant hu tal-fehma li l-inkluzjoni ta' dan l-isem jindika li seta' kien hemm haddiehor fuq il-post u dan il-haddiehor kien qed isuq il-vettura in kwistjoni. Hu car li dan kien zball ghaliex it-tieni affidavit ma jindika dan l-isem u lanqas fl-okkorrenza ta' dan il-kaz ma hemm dan l-isem.

Illi skont l-appellant ma ngabet ebda prova li hu kien isuq din il-vettura. Fil-fatt, kif inghad hawn fuq l-appellant gie ndikat bhala s-sewwieq ta' din il-vettura u ma hemm ebda prova li tikkontradici dak li kitbu l-pulizija fl-affidavits taghhom.

Illi l-appellant sahaq li ma ngabet ebda prova dwar min kien is-sid tal-vettura in kwistjoni. Fil-fatt, dan mhux necessarju. Din il-Qorti hi tal-fehma li kien l-appellant li kien qed isuq din il-vettura u ta' min hi ma tbiddel xejn.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-ebda wiehed mill-aggravji mressaq mill-appellant ma jista' jirnexxi u din il-Qorti hi tal-fehma wkoll li l-affidavits prodotti ghandhom kredibilta' shiha ta' kif gara dan l-incident fejn l-appellant gie misjub responsabbli mill-ewwel Qorti li hu kellu l-kontroll tal-vettura u li saq taht l-influwenza tal-alkohol.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti ma tilqax l-appell ta' Emmanuel Calleja u tikkonferma s-sentenza appellata.